Nru./No. 20,753
Prezz/Price
€0.54

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Is-Sibt, 18 ta' Diċembru, 2021
Saturday, 18th December, 2021

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 13,343
Government Notices *13,343*

Avviżi tal-Pulizija ..... 13,343 - 13,344
Police Notices ..... *13,343 - 13,344*

Avviżi tal-Qorti ..... 13,344 - 13,350
Court Notices ..... *13,344 - 13,350*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1625

PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru LXVI tal-2021 imsejjaħ l-Att tal-2021 li jwaqqaf l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis;

Att Nru LXVII tal-2021 imsejjaħ l-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni ta' Informatur; u

Att Nru LXVIII tal-2021 imsejjaħ l-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità.

It-18 ta' Diċembru, 2021

Nru. 1626

AĠENT DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIVTAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt giet appuntata Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill bejn is-17 u s-27 ta' Diċembru, 2021:

Kunsill Lokali	*Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv*
Tas-Sliema	Stephania Friggieri

It-18 ta' Diċembru, 2021

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 77

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Birgu

Nhar il-Ħadd, 19 ta' Diċembru, 2021, mill-10.30 a.m. sa nofsinhar, minn madwar il-Knisja Dumnikana tal-Lunzjata, Triq il-Mina l-Kbira, Triq il-Palazz tal-Isqof, Triq l-Arċisqof Mikiel Gonzi, Triq it-Torri ta' San Ġwann u Triq il-Mina l-Kbira.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1625

PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. LXVI of 2021 entitled the Authority on the Responsible Use of Cannabis Act, 2021;

Act No. LXVII of 2021 entitled the Protection of the Whistleblower (Amendment) Act, 2021; and

Act No. LXVIII of 2021 entitled the Proceeds of Crime (Amendment) Act, 2021.

18th December, 2021

No. 1626

LOCAL COUNCIL ACTING DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Acting Deputy Executive Secretary of that Local Council between 17th and 27th December, 2021:

Local Council	*Acting Deputy Executive Secretary*
Tas-Sliema	Stephania Friggieri

18th December, 2021

POLICE NOTICE

No. 77

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Vittoriosa

On Sunday, 19th December, 2021, from 10.30 a.m. till noon, through around Knisja Dumnikana tal-Lunzjata, Triq il-Mina l-Kbira, Triq il-Palazz tal-Isqof, Triq l-Arċisqof Mikiel Gonzi, Triq it-Torri ta' San Ġwann and Triq il-Mina l-Kbira.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Kalkara

Nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Diċembru, 2021, mill-5.00 a.m. sat-8.00 p.m., minn Misraħ Arċisqof Gonzi, Triq Rinella, Triq is-Salvatur, Triq Patist Borda, Triq is-Sienja, Triq Giovanni Ricasoli, Triq Gianni Raimondo, Triq San Lawrenz u Triq il-Kappuċċini.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Diċembru, 2021, mill-5.00 a.m. sas-1.00 p.m., minn il-Bajja tar-Rinella.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-18 ta' Diċembru, 2021

Public Transport will be effected.

Kalkara

On Friday, 24th December, 2021, from 5.00 p.m. till 8.00 p.m., through Misraħ Arċisqof Gonzi, Triq Rinella, Triq is-Salvatur, Triq Patist Borda, Triq is-Sienja, Triq Giovanni Ricasoli, Triq Gianni Raimondo, Triq San Lawrenz and Triq il-Kappuċċini.

Public Transport will be effected.

On Sunday, 26th December, 2021, from 5.00 a.m. till 1.00 p.m., through Bajja tar-Rinella

Public Transport will be effected

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

18th December, 2021

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1915

ARB/C017/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-1 ta' Diċembru, 2021, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 159/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

BRIAN TONNA;

MANUEL (EMMANUEL) CASTAGNA;

KARL CINI, accountant, ta' 46 sena, iben Joseph u Josephine xebba Grima, imwieled San Ġiljan, Malta, fil-15 ta' Marzu, 1975, residenti ġewwa 2A, Hill Valley, Triq il-Gardell, San Ġwann, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 136975M.

MARIE KATRIN BONDIN CARTER;

K B T HOLDINGS LIMITED;

BT INTERNATIONAL LIMITED;

NEXIA BT LIMITED;

ARB/C017/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 1st December, 2021 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 159/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

BRIAN TONNA;

MANUEL (EMMANUEL) CASTAGNA;

KARL CINI, accountant, 46 years, son of Joseph and Josephine née Grima, born in St. Julian's, Malta on the 15th March, 1975, residing at 2A, Hill Valley, Triq il-Gardell, San Ġwann, and holder of Maltese identity card bearing number 136975M.

MARIE KATRIN BONDIN CARTER;

K B T HOLDINGS LIMITED;

BT INTERNATIONAL LIMITED;

NEXIA BT LIMITED;

NEXIA BT ADVISORY SERVICES LIMITED;

BTI MANAGEMENT LIMITED;

SPX SERVICES LIMITED;

U

WILLERBY TRADE INC.;

Il-Qorti TAWTORIZZA lill-imputat KARL CINI sabiex jagħmel il-pagament ta' tmienja u sebgħin ewro (€78) annwali għall-polza bin-numru 31101622; il-pagament li jkopri l-ammont dovut sal-lum għall-polza bin-numru 52187; u l-pagamenti li jkopru l-arretrati li hemm pendenti u kif ukoll pagamenti mensili futuri ta' erba' mija u sitt ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€406.42) għall-kont ta' self miżmum mal-Bank of Valletta plc. Illi l-imsemmija pagamenti għandhom jiġu mħallsa mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat KARL CINI li jispiċċa -0018 fejn jirċievi s-salarju tiegħu, liema kont huwa miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Charmaine Galea, LLD), fl-20 ta' Marzu, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-26 ta' Marzu, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Brian Tonna, Manuel (Emmanuel) Castagna, KARL CINI, Marie Katrin Bondin Carter, KBT Holdings Limited, BT International Limited, Nexia BT Limited, Nexia BT Advisory Services Limited, BTI Management Limited, SPX Services Limited, u Willerby Trade Inc.

Illum, 16 ta' Diċembru, 2021

AĠENT DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

NEXIA BT ADVISORY SERVICES LIMITED;

BTI MANAGEMENT LIMITED;

SPX SERVICES LIMITED;

AND

WILLERBY TRADE INC.;

The Court AUTHORIZES the accused KARL CINI to carry out the payment of seventy-eight euro (€78) annually for the policy bearing number 31101622; payment of amount due to date for the policy bearing number 52187; and payments of all pending arrears and the future monthly payments of four hundred and six euro and forty-two cents (€406.42) for the bank loan held at Bank of Valletta plc. That the mentioned payments must be carried out from the accused KARL CINI's bank account ending in -0018 wherein he is receiving his salary, and which is held at Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Section 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Charmaine Galea, LLD) on the 20th March, 2021, which was published in the Government Gazette on the 26th March, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Brian Tonna, Manuel (Emmanuel) Castagna, KARL CINI, Marie Katrin Bondin Carter, KBT Holdings Limited, BT International Limited, Nexia BT Limited, Nexia BT Advisory Services Limited, BTI Management Limited, SPX Services Limited, and Willerby Trade Inc.

Today, 16th December, 2021

ACTING DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1916

ARB/C061/2021 – VARJAZZJONI TA' ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-2 ta' Diċembru, 2021, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 509/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

ARB/C061/2021 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 2nd December, 2021, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 509/2021, in the case:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

MARIA MAGDALENA SULTANA, diżokkupata, ta' 45 sena, bint il-mejjet Costantino u Winifred xebba Zarb, imwielda Ħ'Attard, Malta, fl-14 ta' April, 1976, residenti ġewwa 11, Millieri Court, Block B, Flat 2, Triq il-Pitirross, Ħal Għaxaq, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 584676M.

Il-Qorti TAWTORIZZA lill-imputata MARIA MAGDALENA SULTANA sabiex tħallas lill-Awtorità tad-Djar l-ammont ta' elf sitt mija sebgħa u disgħin ewro (€1,697) u tħallas lil ARMS Ltd l-ammont ta' elf erba' mija u tlettax-il ewro u żewġ ċenteżmi (€1,413.02). Illi dawn l-ammonti għandhom jitnaqqsu mill-ammont annwali ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13, 976.24) li hija intitolata għalihom l-imputata.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Monica Vella, LLD) fis-17 ta' Awwissu, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-20 ta' Awwissu, 2021, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' MARIA MAGDALENA SULTANA.

Illum, 16 ta' Diċembru, 2021

AĠENT DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

The Republic of Malta

Versus

MARIA MAGDALENA SULTANA, unemployed, 45 years, daughter of the late Costantino and Winifred née Zarb, born in Ħ'Attard, Malta, on the 14th April, 1976, residing at 11, Millieri Court, Block B, Flat 2, Triq il-Pitirross, Ħal Għaxaq, and holder of Maltese identity card bearing number 584676M.

The Court AUTHORISES the accused MARIA MAGDALENA SULTANA to pay the Housing Department the amount of one thousand six hundred and ninety-seven euro (€1,697) and pay ARMS Ltd the amount of one thousand four hundred and thirteen euro and two cents (€1,413.02). That these amounts shall be deducted from the annual amount of thirteen thousand nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13, 976.24) which the accused is entitled to.

This variation is being published in terms of Article 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Monica Vella, LLD) on the 17th August, 2021, which was published in the Government Gazette on the 20th August, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to MARIA MAGDALENA SULTANA.

Today, 16th December, 2021

ACTING DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1917

B'digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fid 9 ta' Diċembru, 2021, fl-atti tal-Ittra Medjazjoni fl-ismijiet Kimberley Psaila vs Nicky Falzon, Ittra numru 1391/21, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Nicky Falzon (KI 1698G), a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, bl-Urġenza, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet Kimberley Psaila (KI 006399M) vs Nicky Falzon (KI 1698G) fis-6 ta' Diċembru, 2021, ir-rikorrenti Kimberley Psaila (KI 006399M) esponiet bir-rispett:

Illi minn relazzjoni illi kellhom il-partijiet ta' madwar sentejn u xahrejn twieledet il-minuri … omissis …, fl-4 ta' Diċembru, 2018;

By means of a decree given, by the Civil Court(Family Section) on the 9th December, 2021, in the records of the Letter Mediation in the names Kimberley Psaila vs Nicky Falzon, Letter number 1301/21, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Nicky Falzon (ID 1698G) in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application,filed , by Urgency, in the Civil Court (Family Section) in the names Kimberley Psaila (ID 006399M) vs Nicky Falzon (ID 1698G) on the 6th, 2021, the applicant Kimberley Psaila (ID 006399M) respectfully pleaded:

That from a relationship that the parties had of about two years two months the minor … omissis … was born, on the 4th December, 2018;

Illi r-relazzjoni tagħhom intemmet f'Jannar 2019, meta l-minuri kellha biss xahar,

Illi permezz ta' Rikors tat-3 ta' Awwissu, 2020, il-mittenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn r-rikorrenti;

Illi permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-17 ta' Novembru 2020, din l-Qorti ddecidiet is-segwenti,

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' t-talba u tordna l-kura u kustodja tal-minuri … omissis … tkun fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti b'aċċess għall-minuri li għandu jkun darba fil-ġimgħa għal siegħa;

Illi minn Novembreu 2020, sal-lum l-intimat qatt ma għamel komunikazzjoni mal-mittenti sabiex jara lill-minuri;

Illi ricentement hija marret tapplika għall-passaport għall-minuri sabiex il-mittenti takkumpanija lil ommha ġewwa l-Ġermanja, bejn is-27 ta' Diċembru, 2021 u t-3 ta' Jannar, 2022, u ġiet infurmata li hija jeħtiġilha awtorizzazzjoni speċjali biex tista' tapplika għall-passaport.

Għaldaqstant, in vista tas-su esport ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddegreta dan ir-rikors bl-urgenza;

2. Tissotitwixxi l-kunsens tal-missier sabiex il-minuri ssiefer ma' ommha l-mittenti bejn is-27 ta' Diċembru, 2021 u t-3 ta' Jannar, 2022;

3. Tawtorizza lill-minuri tapplika u tottjeni waħedha passaport għall-minuri mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens jew firma ulterjuri tal-intimat;

4. Tordna lil-uffiċjal inkarigat mill-passaporti sabiex joħroġ passaport fuq isem il-minuri u jikkonsenja l-istess lir-rikorrenti,

Salv naturalment kull provvediment ieħor li jogħġobha tagħmel din l-Onorabbli Qorti.

Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)

Ittra Medjazjoni 1391/21 JPG

Fl-ismijiet

Kimberley Psaila

vs

Nicky Falzon,

That their relationship ended in January 2019, when the minor was only one month,

That by means of an Application of the 3rd August, 2020, the interpellant asked this Honourable Court to entrust the care and custody of the minor to the applicant;

That by means of a decree of this Honourable Court of the 17th November, 2020, this Court decided the following,

For these reasons this Court upholds the demand and orders that the care and custody of the minor … omissis … be entrusted exclusively to the applicant with access for the minor which is to be once weekly, for one hour;

That since November 2020, till today the respondent never made any communication with the interpellant to see the minor;

That recently she went to apply for a psassport for the minor so that the interpellant accompany her mother in Germany, between the 27th December, 2021 and the 3rd January, 2022, and she was informed that she requires special authorisatioon in order to apply for the passport.

Thus, in view of the above the applicant respectfully prays this Honorable Court:

1. To decree this application by urgency;

2. Substitute the consent of the father so that the minor go abroad with her mother the interpellant between the 27th December, 2021 and the 3rd January, 2022;

3. Authorise the minor to apply and obtain alone a passport for the minor without the necessity of the consent or the further signature of the respondent;

4. Order the officer in charge of passports to issue a passport in the name of the minor and deliver the same to the applicant,

Saving naturally any other provision that this Honourable Court may give.

Civil Court (Family Section)

Letter Mediation 1391/21 JPG

In the names

Kimberley Psaila

vs

Nicky Falzon,

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors,

Tordna notifika lil-kontroparti bi dritt ta' risposta fi żmien gimgħa,

Illum 6 ta' Diċembru, 2021

Notifika Intimat: 32, Francis Flat, 1, Triq il-Kaħli, l-Għadira, Il-Mellieħa

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 17 ta' Diċembru, 2021

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Court,

Having seen the Application,

Orders that the respondent be notified with a right of reply within one week,

Today 6th December, 2021

Notify Respondent: 32, Francis Flat, 1, Triq il-Kaħli Għadira, Mellieħa

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 17th December, 2021

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1918

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-26 ta' Ottubru, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1022/2021, fl-ismijiet Zammit Finance plc vs Martina Petruzzelli ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Martina Petruzzelli a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 3 ta' Mejju, 2021

Lil Martina Petruzzelli (ID 173734A) ta' 47, Sanmar Place, Victory Street, Il-Gżira

Permezz tal-preżenti Zammit Finance plc (C70870) ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, tinterpellak sabiex immedjatament tħallas is-somma ta' €1,598.30 oltre l-imgħax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv, rappreżentanti ħdax-il (11) skadenza ta' kambjala kull waħda b'valur ta' €145.30 liema kambjali mmaturaw fl-ewwel (1) gurnata ta' kull xahar minn Novembru,, 2019, sa Settembru, 2020, rispettivament (kopji hawn annessi u mmarkati Dok. A1-Dok. A11).

Din l-ittra uffiċjali qed issirlek a tenur tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għaldaqstant il-mittenti javvertik illi jekk fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali inti ma turix lill-Qorti raġunijiet gravi u validi biex topponi l-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali, allura dan il-kreditu jigi reż titolu esekuttiv u jinħarġu kontra tiegħek il-mandati esekuttivi kollha spettanti lilu skont il-liġi.

By means of a decree of the 26th October, 2021, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 1002/2021 in the names Zammit Finance plc vs Martina Petruzzelli Duric the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Martina Petruzzelli in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 3rd May, 2021

To Martina Petruzzelli (ID 173734A) of 47, Sanmar Place, Victor Street, Gżira.

By the present Zammit Finance plc (C70870) of Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, solicits you so that immediately you pay the amount of €1,598.30 besides legal interest from the due date of each bill of exchange till the date of effective payment representing 11 bills of exchange each of value €145.30 which bills of exchange were due on the 1st day of each month from November,, 2019, till September, 2020, respectively (copies here attached and maked as Doc. A1-Doc. A11).

This judicial letter is being made in terms of Article 253(e) and 256(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure and thus the interpellant warns you that if within twenty day from the notification of this judicial letter you do not show this Court grave and valid reasons to oppose the execution of these bills of exchange, thus this credit will be rendered executive title and all the executive warrants will be issued against you according to law.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek u bl-ispejjeż kontra tiegħek.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 17 ta' Diċembru, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Soo much so that you may know how to proceed and regulate yourself and with costs against you.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 17th December, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1919

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-10 ta' Novembru, 2020, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1101/2020, fl-ismijiet No Deposit Cars Malta Limited vs Michael Gabriel Fernandez ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Michael Gabriel Fernandez a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum s-26 ta' Ġunju, 2020

Lil Michael Gabriel Fernandez (KI 0187339A) ta' 42, Belagio Court, Flat 3, Triq San Gwakkin, Marsaskala

Permezz tal-preżenti No Deposit Cars Malta Limited (C85780) ta' Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, qiegħed tirrendi esegwibbli s-segwenti kambjali, liema kambjali jġibu t-total ta' €1,240 (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa bħala Dok. 1) liema kambjali ġew maħruġa mill-intimat u huma naxxenti minn ftehim ta' Hire and Purchase ffirmat bejn il-partijiet fit-18 ta' Ġunju, 2018 (kopja ta' liema qiegħda tiġi annessa u mmarkata Dok. 2) u huma s-segwenti:

1. Il-kambjala numru 17 fl-ammont ta' €155 maħruġa mill-intimat favur il-mittent, liema kambjala skadiet fit-18 ta' Novembru, 2019, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

2. Il-kambjala numru 18 fl-ammont ta' €155 maħruġa mill-intimat favur il-mittent, liema kambjala skadiet fit-18 ta' Diċembru, 2019, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

3. Il-kambjala numru 19 fl-ammont ta' €155 maħruġa mill-intimat favur il-mietten, liema kambjala skadiet fit-18 ta' Jannar, 2020, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

4. Il-kambjala numru 20 fl-ammont ta' €155 maħruġa mill-intimat favur il-mittent, liema kambjala skadiet fit-

By means of a decree of the 10th November, 2020, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 1101/2020 in the names No Deposit Cars Malta Limited vs Michael Gabriel Fernandez the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Michael Gabriel Fernandez in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 26th June, 2020

To Michael Gabriel Fernandez (ID 0187339A) of 42, Belagio Court, Flat 3, Triq San Gwakkin, Marsaskala

By the present, No Deposit Cars Malta Limited (C85780) of Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, is hereby executing and enforcing the following bills of exchange, which bills of exchange are of the total amount of €1,240 (a copy of which bills of exchange is being herein attached and marked as Doc. 1) which bills of exchange have been signed by virtue of the Hire and Purchase agreement dated 18th June, 2018, between the parties (a copy of which is being herein attached and marked as Doc. 2) and are as follows:

1. Bill of exchange number 17 in the amount of €155 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 18th November, 2019, and which sum has to date not been paid;

2. Bill of exchange number 18 in the amount of €155 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 18th December, 2019, and which sum has to date not been paid;

3. Bill of exchange number 19 in the amount of €155 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 18th January 2020 and which sum has to date not been paid;

4. Bill of exchange number 20 in the amount of €155 issued by the defendant in favour of the company, which bill

18 ta' Frar, 2020, u liema somma sal-lum baqgħet ma thallsitx;

5. Il-kambjala numru 21 fl-ammont ta' €155 maħruġa mill-intimat favur il-mittent, liema kambjala skadiet fit-18 ta' Marzu, 2020, u liema somma sal-lum baqgħet ma thallsitx;

6. Il-kambjala numru 22 fl-ammont ta' €155 maħruġa mill-intimat favur il-mittent, liema kambjala skadiet fit-18 ta' April, 2020, u liema somma sal-lum baqgħet ma' thallsitx.

7. Il-kambjala numru 23 fl-ammont ta' €155 maħruġa mill-intimat favur il-mittent, liema kambjala skadiet fit-18 ta' Mejju, 2020, u liema somma sal-lum baqgħet ma' thallsitx.

8. Il-kambjala numru 24 fl-ammont ta' €155 maħruġa mill-intimat favur il-mittent, liema kambjala skadiet fit-18 ta' Ġunju, 2020, u liema somma sal-lum baqgħet ma' thallsitx.

Din l-ittra uffiċjali qiegħda tiġi notifikata lilek ai termini tal-Artikou 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u jekk inti ma topponix għall-esekuzzjoni tal-fuq imsemmija kambjali fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali, permezz tal-preżentata ta' rikors fl-atti tal-preżenti att, din l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu esekuttiv fil-konfront tiegħek u għalhekk il-kreditu vantat mill-mittenti fil-konfront tiegħek ikun esegwibbli minnufih.

Minkejja li inti ġejt mitluba thallas l-ammonti surreferiti lill-mittenti ai termini tal-Payment Schedule (hawn annessa bħala Dok. 3) permezz tal-istatement (hawn anness u mmarkat bħala Dok. 4) inti bqajt inadempjenti u għalhekk kellha tiġi adottata din il-proċedura kontra tiegħek.

Fin-nuqqas is-soċjetà mittenti se tipprocedi ulterjorment kontra tiegħek mingħajr preavviż ieħor sabiex tinforza t-titolu esekuttiv tagħha.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data tal-iskadenza tal-imsemmija kambjali sal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 17 ta' Diċembru, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

of exchange was due on the 18th February 2020 and which sum has to date not been paid;

5. Bill of exchange number 21 in the amount of €155 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 18th March 2020 and which sum has to date not been paid;

6. Bill of exchange number 22 in the amount of €155 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 18th April 2020 and which sum has to date not been paid;

7. Bill of exchange number 23 in the amount of €155 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 18th May 2020 and which sum has to date not been paid;

8. Bill of exchange number 24 in the amount of €155 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 18th June 2020 and which sum has to date not been paid;

This judicial letter is being notified to you in accordance with Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta and if you do not oppose the execution of the above bills of exchange within twenty (20) days from notification of the judicial letter by means of an application filed in the acts of the present judicial act, this judicial letter shall be rendered an executive title against you and therefore the credit being claimed by the Company shall become immediately executable.

Notwithstanding that you have been requested to pay the above bills of exchange in terms of the Payment Schedule (herewith attached and marked as Doc. 3) by means of the statement of account (herewith attached and marked as Doc. 4) you have nonetheless remained in default and therefore the Company had to resort to filing this judicial letter against you.

In default the interpellant company shall proceed further against you without further notice to enforce its executive title.

With expenses and legal interest from the expiration of the bills of exchange until effective date of payment.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 17th December, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603